**Minuti tas-37 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fl-4:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

37.01 **Talba**

37.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

37.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

37.02.01 Is-S.E. nforma li kien irċieva email mingħand il-Viċi-Sindku u mingħand il-Kunsillier Zaffarese li nfurmaw li minħabba raġunijiet personali, ma setgħux jattendu l-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta unanimament dawn l-apoloġiji.

37.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 36**

37.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 36 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Dingli ssekonda.

37.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

37.04.01 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li għada kienet ser isir l-inawgurazzjoni tar-restawr li sar fuq il-Kappella ta' Santa Katerina.

37.04.02 Is-Sindku nforma li flimkien mas-S.E. kellu laqgħa mas-Sur Maurice Aquilina li kien qed jibni l-App għall-Kunsill. Huwa qal li sa issa hemm affarijiet li jixtieq il-Kunsill kif ukoll tkellimna dwar xi affarijiet oħra li xtaqna li jiġu nklużi. Malli l-App tkun lesta, ser issir laqgħa mal-Kunsillieri sabiex din tiġi spjegata lilhom.

37.04.03 Is-Sindku nforma li l-fanali l-ġodda għal Triq Karmenu Ciantar kienu ġew ordnati u ninsabu nfurmati li dawn għandhom jaslu Malta f'nofs Marzu. Malli dawn ikunu għandna, irridu nkellmu lill-IM sabiex isir il-koordinament sabiex issir il-bankina.

37.04.04 Dwar Ġnien Tfal ir-Raħal is-Sindku nforma li dan kien inxtgħel u jonqos biss li jeħlu xi globi li kienu *Out of Stock*.

37.04.05 Is-Sindku nforma li *Parks Malta* kienu ikkommettew ruħhom li jiġi żviluppat *park* fl-area magħrufa bħala Tal-Mitħna bejn l-Imqabba u l-Qrendi.

37.04.06 Rigward xogħlijiet ta' toroq is-Sindku nforma li filwaqt li kienu għaddejjin xogħlijiet fi Sqaq Nru 1 fi Triq il-Parroċċa, ix-xogħlijiet fi Sqaq ħdejn iċ-Ċimiterju u fi sqaq fi Triq tas-Sejba kienu tlestew. Ix-xogħlijiet fi Triq tal-Isqof waslu fl-aħħar però għad jonqos li jinbena l-ħajt. Wara l-elezzjoni għandhom isiru Triq Baskal Xuereb, Triq iż-Żurrieq u Sqaq Buħar.

37.04.07 Rigward l-arblu li kien hemm fid-daħla tar-raħal, is-Sindku ssuġġerixxa li dan jeħel fuq il-bankina l-wiesgħa viċin it-tabella ta' Triq Valletta/Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil u ġie deċiż li nkellmu lill-ħaddiema sabiex naraw kif jista' jsir.

**37.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

37.05.01 Il-Kunsillier Dingli talab *update* dwar ix-xogħlijiet fi Sqaq Buħar u s-Sindku nforma li wara li kienu saru s-*surveys*, kien ġie deċiż li dan isir bil-konkos.

37.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar ir-*road markings* fi Triq il-Konvoj ta' Sant Marija. Ġie deċiż li għal darb'oħra nkellmu lill-Perit Vassallo ta' IM.

37.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk *Double Yellow Line* li hemm fi Triq San Innoċenzju jistax jiqsar sabiex jidħol *parking space* ieħor. Ġie deċiż li għandna niċċekkjaw jekk dan hux possibbli.

37.05.04 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li s-*sealer* mas-saqaf tal-*Bus Shelter* fil-Pjazza isir mill-ħaddiema tal-Kunsill wara li baqa' ma sarx mill-kumpanija Faces. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

37.05.05 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li s-*soft area* li hemm fi Triq Mikelanġ Sapiano tiddawwar *b'fence* tal-ħadid pariġġ Ġnien Mikelanġ Sapiano. Dwar dan kien hemm qbil.

37.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kienx hemm xi *update* dwar il-funtana fi Ġnien Mikelanġ Sapiano. Is-S.E. informa li ma konniex sibna aktar *quotations* u għalhekk ġie deċiż li nippruvaw inġibu *quote* mingħand Starlite ta' San Gwann.

37.05.07 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li fi Triq G. Mangion kantuniera ma Triq il-Ħarriġiet jiqsar id-*Double Yellow Line*, jitneħħa l-*parking* għal muturi u jiżdied wieħed għall-karozzi. Huwa staqsa wkoll jistax isir *charging pillar* faċċata tal-i*stationery*. Ġie deċiż li niċċekkjaw jekk dan kollu hux possibbli.

37.05.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa meta kien user jingħalqu l-*ventilators* tal-ġibjun il-ġdid. Ġie deċiż li niktbu lill-Perit Farrugia tal-PWD.

37.05.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk setgħax isir xi ħaġa wara l-latrini ta' Ġnien tfal ir-Raħal. Is-Sindku nforma li konna qed naraw din il-possibilità però minħabba s-siġar li hemm, ftit jista' jsir. Kien hemm qbil li eventwalment jitranġaw il-latrini u parti minnhom issir *store* għall-użu tal-Kunsill.

37.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'ser isir dwar it-tappieri fil-Pjazza u fi Triq Madonna tal-Ġilju. Is-S.E. informa li dawk tal-Pjazza kellhom jitranġaw mill-kuntrattur filwaqt li dawk ta' Triq Madonna tal-Ġilju ser jitranġaw meta ser titranġa parti mit-triq bejn is-sett ta' *culverts* li hemm.

37.05.11 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-arbli li hemm fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq iċ-Ċavi għandu jinbidel. Kien hemm qbil li għandha ssir talba lill-entitita' li hija s-sid ta' dan l-arblu.

37.05.12 Il-Kunsillier Sciberras informa li xi residenti kienu kellmuh dwar dlam li hemm fis-*service roads* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Ġie deċiż li naraw jekk hux possibbli li jsir dawl li jagħti fuq is-*service roads* mal-fanali eżistenti.

37.05.13 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar il-ħsara li kienet saret ġewwa xi residenzi waqt il-bini tal-Ġibjun. Is-Sindku informa li kien infurmat li kien għad fadal familja waħda biss mhux ikkumpensata.

37.05.14 Il-Kunsillier Sciberras talab li jsir *refresh* tad-*Double Yellow Lines* li hemm fi Triq tal-Mentna kantuniera ma' Triq Kirkop kif ukoll li nkellmu lill-Perit tal-Kunsill dwar problema li hemm peress li sid ta' garaxx ma jkunx jista' joħroġ jekk ikun hemm karozzi pparkjati mal-ġenb jew faċċata. Dwar dan kien hemm qbil.

37.06 **Offerti**

37.06.01 Is-S.E. ippreżenta r-Rapporti tat-3 offerti differenti li konna rċivejna u li nfetħu fil-15 ta' Frar. Dawn ġew approvati unanimament u ġie deċiż li għandna nipproċedu skont l-eżitu ta' dawn ir-rapporti.

37.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

37.07.01 Talba mingħand bejjiegħ tal-*fast food* sabiex jarma *mobile kiosk* 5 darbiet fil-gimgha fi Triq Baskal Xuereb. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma approvax din it-talba peress li jħoss li jekk vetturi jibdew jieqfu fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija biex jixtru, dawn jistgħu ikunu ta' periklu.

37.07.02 Korrispondenza mingħand id-DLG swar skema SPI.SCI.2.2022 dwar *Community Inclusive Employment Scheme 2022*. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

37.07.03 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar *Working Conditions for Executive Secretaries within Local Government*. Is-S.E. informa li kien hemm xi arretrati li ridu jitħallsu lid-Deputat S.E. u lilu għas-snin 2020 u 2021.

37.07.04 Korrispondenza mingħand l-Ombudsman dwar każ li kien tressaq quddiemu dwar parkeġġ fi Sqaq Nru 2, Triq il-Lanġasa. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

37.07.05 Korrispondenza mill-Uffiċċju Tal-Prim Ministru 3/2022 dwar vakanzi minn issa sad-data tal-elezzjoni. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

37.07.06 Korrispondenza mingħand il-GAL Xlokk dwar *Leader Funds* għall-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika sabiex isir restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina minn ġewwa kif ukoll li din tiddawwal minn barra.

37.07.07 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar fejn ġejna nfurmati li r-rimbors għall-attivitajiet konnessi mal-Milied 2021 kienu ġew iddepożitati fil-kont tal-Kunsill.

37.07.08 Korrispondenza mingħand Noel Castillo dwar attivitajiet konnessi mal-Karnival ġewwa l-l-kwalità tagħna f'Mejju 2022. Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax.

37.07.09 Korrispondenza mingħand Astrid Vella dwar *FAA Charter for Local Council endorsemen*t. Ġie deċiż li deċiżjoni dwar dan tittieħed aktar il-quddiem.

37.07,10 Ċirkolari Ċir AKL 2022/015 Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 2022 mingħand l-AKL. Ġie unanimament deċiż li peress id-data taħbat mal-elezzjoni ġenerali, din is-sena l-Kunsill ma jipparteċipax.

37.07.11 Korrispondenza mingħand l-Onor. J. Farrugia Portelli dwar bankina fi stat ħażin fi Triq in-Nazzarenu. Peress li konna għadna qed nistennew l-istima mingħand il-Perit tal-Kunsill, ġie deċiż li deċiżjoni finali tittieħed f'laqgħa oħra.

37.07.12 Ġew ippreżentati 3 kwotazzjonijiet sabiex isiru CCTV fi Ġnien Tfal ir-Raħal, Ġnien tal-Mentna, Ġnien Onġi Onġella u Pjazza tal-Knisja. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaċċetta l-orħos offerti li kienu dawk ta' iSpy. Rigward ic-CCTV tal-Pjazza kien hemm qbil li rridu nitkellmu ma' TM/LESA dwar fejn l-aħjar li tiġi nstallata.

37.08 **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2021**

37.08.01 Peress li kopja ta' dawn il-*Financial Statements* kienet tqassmet lill-Kunsillieri minn qabel, dawn ġie approvat unanimament. Is-S.E. ser jibgħat kopja tagħhom lill-Awdituri tal-Kunsill u lill-Awditur Ġenerali.

37.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/37**

37.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/36 ġiet approvata unanimament.

37.09.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Jannar 2022 ġiet approvata unanimament.

**37.10 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

37.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 30 ta' Marzu fil-5:00 pm

Konfermati illum l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Fabian Mizzi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |